# L-INDUSTRIJA TAD-DIFIŻA

B'fatturat li kien jammonta għal EUR 97.3 biljun fl-2014, 500 000 ruħ impjegati direttament u 1.2 miljun impjieg indirett, l-industrija tad-difiża Ewropea hija settur industrijali ewlieni. Hija kkaratterizzata minn komponenti ekonomiċi u teknoloġiċi li jirrappreżentaw fatturi importanti għall-kompetittività industrijali tal-Ewropa. Maħluqa fl-2004, l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' din l-industrija. Illum, dan is-settur qiegħed iħabbat wiċċu ma' sfisdi bħall-frammentazzjoni tas-suq u t-tnaqqis tal-infiq għad-difiża.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

L-azzjoni tal-UE f'dan il-qasam trid tkun ibbażata fuq l-Artikolu 352 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li japplika għal każijiet li għalihom it-Trattati tal-UE ma jispeċifikawx b'mod ċar l-azzjoni meħtieġa biex jintlaħaq wieħed mill-objettivi tal-Unjoni. L-Artikolu 173 TFUE jagħti bażi ġuridika għall-politika industrijali tal-UE. Madankollu, it-triq lejn l-applikazzjoni tar-regoli tas-suq intern fis-suq tat-tagħmir għad-difiża kien limitat mill-Artikolu 346(1) tat-TFUE li jistabbilixxi li "kull Stat Membru jista' jieħu l-miżuri li jikkunsidra meħtieġa biex jipproteġi l-interessi vitali tas-sigurtà tiegħu, u li jkollhom x'jaqsmu mal-manifattura jew tal-kummerċ tal-armi, munizzjon u materjal tal-gwerra".

## L-OBJETTIVI

L-industrija tad-difiża kienet importanti għall-UE minħabba l-aspetti tal-politika ekonomika u teknoloġika tagħha. Il-kompetittività tal-industrija tad-difiża Ewropea hija vitali għall-kredibilità tal-Politika Ewropea ta' Sigurtà u Difiża (PESD) naxxenti. Huwa importanti li l-Istati Membri tal-UE jikkooperaw ma' xulxin sabiex jintemmu politiki u prattiki li ma jħallux lill-impriżi tad-difiża Ewropej jaħdmu flimkien b'aktar effiċjenza.

## IL-KISBIET

L-industrija tad-difiża tal-UE hija importanti għall-ekonomija Ewropea b'mod ġenerali. Bħal kull attività industrijali oħra, jeħtieġ li tkun aktar effiċjenti sabiex toffri lill-klijenti tagħha valur għal flus u, fl-istess ħin, tħares l-interessi tal-azzjonisti tagħha.

**A.** L-isfond

**1.** Il-politika ta' riċerka u żvilupp

Il-finanzjament tar-riċerka tal-UE huwa mmirat prinċipalment lejn objettivi ċivili. Madankollu, uħud mill-oqsma teknoloġiċi koperti – pereżempju materjali jew teknoloġiji

tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICTs) – jistgħu jikkontribwixxu għat-titjib tal-bażi teknoloġika fil-qasam tad-difiża u l-kompetittività tal-industrija. Għaldaqstant, meta jkun possibbli, l-eżiġenzi tal-industrija tad-difiża għandhom ikunu riflessi fl-implimentazzjoni tal-politika ta' riċerka tal-UE. Waqt il-laqgħa tiegħu ta' Diċembru 2013, il-Kunsill Ewropew stieden lill-Istati Membri jżidu l-investiment fil-programmi kooperattivi marbuta mar-riċerka u appella wkoll lill-Kummissjoni biex, flimkien mal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA), tiżviluppa proposti maħsuba biex ikomplu jistimolaw ir-riċerka għal użu doppju.

**2.** L-esportazzjonijiet

Fl-2008, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2008/944/PESK, li tiddefinixxi regoli komuni li jirregolaw il-kontroll ta' esportazzjonijiet ta' teknoloġija u tagħmir militari, li ssostitwiet ftehim politiku preċedenti, il-Kodiċi ta' Kondotta tal-UE dwar l-esportazzjonijiet ta' armi (1998). Din il-Pożizzjoni Komuni tagħmel lill-UE l-unika organizzazzjoni reġjonali li stabbiliet ftehim ġuridikament vinkolanti dwar l-esportazzjonijiet ta' armi konvenzjonali. L-għan tal-Pożizzjoni Komuni huwa l-konverġenza tal-politiki tal-Istati Membri tal-UE ta' kontroll tal-esportazzjonijiet ta' armi, settur li fl-aħħar mill-aħħar jibqa' qasam ta' kompetenza nazzjonali. Ir-reġim għall-kontroll tal-esportazzjonijiet tal-UE huwa rregolat mir-Regolament (KE) Nru 428/2009 li jipprevedi lista komuni tal-UE ta' oġġetti b'użu doppju kif ukoll koordinament u kooperazzjoni bħala sostenn għal implimentazzjoni u infurzar konsistenti fl-UE kollha.

Fit-30 ta' Ġunju 2011, il-Kummissjoni ppubblikat Green Paper dwar is-sistema tal-UE ta' kontroll tal-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju bil-għan li tanalizza l-funzjonament attwali tas-sistema ta' kontroll tal-esportazzjoni u tqis eventwali oqsma ta' riforma. Din wittiet it-triq għall-adozzjoni ta' komunikazzjoni (COM(2014)0244) li tillustra viżjoni fit-tul għall-kontrolli strateġiċi tal-esportazzjonijiet u tidentifika għażliet politiċi konkreti għall-modernizzazzjoni tas-sistema ta' kontroll tal-esportazzjonijiet. F'Settembru 2016, il-Kummissjoni adottat proposta maħsuba biex timmodernizza r-Regolament (KE) Nru 428/2009 fis-seħħ u ssaħħaħ il-kontrolli tal-esportazzjonijiet ta' oġġetti b'użu doppju.

**B.** Il-politika tal-UE dwar l-industrija tad-difiża

**1.** Lejn suq Ewropew tat-tagħmir għad-difiża (EDEM)

F'Settembru 2004, il-Kummissjoni ppreżentat Green Paper dwar l-akkwist pubbliku fil-qasam tad-difiża (COM(2004)0608), bl-għan li tikkontribwixxi għall-ħolqien gradwali ta' suq Ewropew tat-tagħmir għad-difiża (EDEM) bejn l-Istati Membri, fuq bażi aktar trasparenti u miftuħa. Il-Green Paper tifforma parti mill-istrateġija "Lejn Politika tal-Unjoni Ewropea dwar it-Tagħmir għad-Difiża" adottata mill-Kummissjoni fil-bidu tal-2003. L-għan kien li jibda jsir użu aktar effiċjenti tar-riżorsi fis-settur tad-difiża u tiżdied il-kompetittività tal-industrija fl-Ewropa, kif ukoll ikun hemm għajnuna għal titjib li jista' jsir fit-tagħmir militari fil-kuntest tal-politika Ewropea ta' sigurtà u difiża.

Fl-2007, l-Istati Membri tal-UE qablu li jqawwu l-iżvilupp ta' "bażi industrijali u teknoloġika tad-difiża Ewropea" (EDTIB) bl-għajnuna ta' Strateġija EDTIB. Iż-żamma u l-iżvilupp ulterjuri tal-EDTIB huma wieħed mill-objettivi ewlenin tal-politika tal-UE dwar l-industrija tad-difiża. F'Lulju 2006 tnieda r-Reġim Intergovernattiv għall-Inkoraġġiment tal-Kompetizzjoni fis-Suq Ewropew tat-Tagħmir għad-Difiża. Dan ir-

reġim intergovernattiv volontarju jaħdem abbażi ta' Kodiċi ta' Kondotta dwar l-Akkwist Pubbliku fil-Qasam tad-Difiża (Novembru 2005), li huwa appoġġat minn sistema ta' rapportar u monitoraġġ li tgħin sabiex tiġi żgurata trasparenza reċiproka u responsabilità bejn l-Istati Membri. Element importanti ieħor huwa l-Kodiċi tal-Aħjar Prattika fil-Katina tal-Provvista (Mejju 2005).

L-istandardizzazzjoni tat-tagħmir għad-difiża hija importanti għall-integrazzjoni tas-swieq nazzjonali. Ittieħdu miżuri għat-tnedija, fl-2012, ta' portal tas-Sistema Ewropea ta' Referenza għall-Istandards ta' Difiża (EDSTAR) li tissostitwixxi l-predeċessur tagħha, il-Manwal Ewropew għall-Akkwist Pubbliku fil-qasam tad-Difiża (EHDP) L-EDSTAR segwiet il-ħolqien ta' Sistema Informattiva tal-Istandards tad-Difiża Ewropea (EDSIS), li hija portal immirat lejn standardizzazzjoni aktar komprensiva tal-materjal tad-difiża Ewropew bil-għan li jippubbliċizza standards tal-materjali li għandhom ikunu żviluppati jew ikunu sottoposti għal modifika sostanzjali.

Fl-24 ta' Lulju 2013, il-Kummissjoni adottat komunikazzjoni li fiha pjan ta' azzjoni bil-għan li jżid l-effiċjenza u l-kompetittività tal-industrija tad-difiża Ewropea (COM(2013)0542). L-inizjattivi jkopru l-oqsma segwenti: is-suq intern, il-politika industrijali, ir-riċerka u l-iżvilupp, il-kapaċitajiet, l-ispazju, l-enerġija u l-kummerċ internazzjonali. Għal dak li għandu x'jaqsam mal-akkwist pubbliku fil-qasam tad-difiża, il-komunikazzjoni tħabbar l-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' monitoraġġ tas-suq.

**2.** L-akkwist pubbliku fil-qasam tad-difiża u t-trasferimenti intra-UE ta' prodotti relatati mad-difiża

Bis-saħħa tad-Direttiva 2009/43/KE dwar trasferimenti intra-UE ta' prodotti relatati mad-difiża u tad-Direttiva 2009/81/KE dwar l-akkwist fil-qasam tad-difiża u s-sigurtà, l-UE stabbiliet linji gwida rilevanti bil-għan li toħloq qafas tal-UE f'dan il-qasam.

Id-Direttiva 2009/81/KE ppreżentat regoli ġusti u trasparenti għall-akkwist pubbliku fil-qasam tad-difiża, li għandhom jiffaċilitaw l-aċċess tal-impriżi tad-difiża fis-swieq tad-difiża ta' Stati Membri oħra. Din tipprevedi proċedura nnegozjata bil-pubblikazzjoni minn qabel bħala l-proċedura standard, u b'hekk tippermetti aktar flessibilità, regoli speċifiċi dwar is-sigurtà ta' informazzjoni sensittiva, klawsoli dwar is-sigurtà tal-provvista u regoli speċifiċi dwar is-subappalt. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jeżentaw il-kuntratti ta' difiża u sigurtà jekk dan ikun meħtieġ għall-protezzjoni tal-interessi essenzjali ta' sigurtà tagħhom (Artikolu 346 tat-TFUE).

Id-Direttiva 2009/43/KE dwar trasferimenti intra-UE ta' prodotti relatati mad-difiża tissemplifika u tarmonizza l-kundizzjonijiet u proċeduri għat-trasferimenti ta' prodotti bħal dawn fl-UE. Hi toħloq sistema uniformi u trasparenti ta' tliet tipi ta' liċenzji: ġenerali, globali u individwali. Element ieħor ewlieni tad-Direttiva huwa ċ-ċertifikazzjoni tal-kumpaniji. Il-kumpaniji meqjusa bħala affidabbli jkollhom id-dritt jagħmlu trasferimenti b'liċenzji ġenerali. Il-liċenzja individwali għandha tkun eċċezzjoni u limitata biss għal każijiet li jistgħu jiġu ġġustifikati b'mod ċar.

**3.** Aġenzija Ewropea tat-tagħmir għad-difiża

L-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA) ġiet stabbilita fit-12 ta' Lulju 2004. Il-funzjonijiet prinċipali tagħha huma: l-iżvilupp tal-kapaċitajiet ta' difiża; il-promozzjoni u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni Ewropea dwar l-armamenti; it-tisħiħ tal-bażi industrijali u teknoloġika tad-

difiża Ewropea (EDTIB) u l-ħolqien ta' suq Ewropew tat-tagħmir għad-difiża kompetittiv fil-livell internazzjonali (EDEM); u t-tisħiħ tal-effikaċja tal-Programm Ewropew għar-riċerka u teknoloġija (R&T) tad-difiża.

**4.** Il-Programm Ewropew għar-Riċerka dwar is-Sigurtà

Minkejja l-isforzi biex jinħoloq qafas komuni għall-politika tad-difiża Ewropea, ir-riċerka Ewropea fil-qasam tad-difiża, fit-totalità tagħha, naqset drastikament mill-2006. Ħafna mill-korpi politiċi tal-Unjoni, konxji minn din it-tendenza inkwetanti, bdew jirreaġixxu. Il-proġetti ta' "użu doppju" ddaħħlu f'livell aktar intens fil-programm ċivili tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni, Orizzont 2020 (2014-2020). Waħda mill-isfidi (Programm għal Soċjetà Sigura) tiegħu hija t-trawwim tar-riċerka għall-protezzjoni tal-libertà u s-sigurtà tal-Ewropa u taċ-ċittadini tagħha. L-għan tiegħu huwa li jlaqqa' l-partijiet interessati kollha fil-qasam tas-sigurtà: l-industrija, inklużi l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, l-organizzazzjonijiet ta' riċerka u l-universitajiet, kif ukoll l-awtoritajiet pubbliċi, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi u l-organizzazzjonijiet pubbliċi u privati fil-qasam tas-sigurtà. L-involviment attiv tal-utenti finali huwa importantissmu. Il-baġit allokat għal "Soċjetà Sigura" għall-perjodu 2014-2020 huwa ta' EUR 1 700 miljun, ammont li jirrappreżenta 2.2 % tal-fondi ta' Orizzont 2020.

Għal dak li għandu x'jaqsam mal-importanza dejjem ikbar tar-riċerka fil-qasam tad-difiża u l-bidliet reċenti fl-ambjent tas-sigurtà tal-Ewropa, il-Kummissjoni, f'Novembru 2016, ipproponiet il-ħolqien ta' Fond Ewropew għad-Difiża u azzjonijiet oħrajn għas-sostenn tal-infiq aktar effiċjenti tal-Istati Membri f'dawk li huma l-kapaċitajiet ta' difiża komuni, it-tisħiħ tas-sigurtà taċ-ċittadini Ewropej u t-trawwim ta' bażi industrijali kompetittiva u innovattiva (Pjan ta' Azzjoni Ewropew għad-Difiża – COM(2016)0950). Skont il-qafas finanzjarju pluriennali tal-UE li jmiss (2021-2027), il-Kummissjoni biħsiebha tipproponi programm Ewropew ta' riċerka dwar id-difiża (EDRP) b'baġit stimat jammonta għal EUR 500 miljun fis-sena.

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Il-Parlament adotta diversi riżoluzzjonijiet li jirrigwardaw l-industrija tad-difiża. F'riżoluzzjoni adottata fl-10 ta' April 2002[1], il-Parlament appella għall-ħolqien ta' Aġenzija Ewropea għall-Armamenti u għall-istandardizzazzjoni fid-difiża. F'riżoluzzjoni dwar il-Green Paper dwar l-akkwist pubbliku fil-qasam tad-difiża[2], il-Parlament tenna l-fehma tiegħu, espressa qabel fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-2002, li industrija tal-armamenti Ewropea b'saħħitha, effiċjenti u fattibbli u politika effikaċi tal-akkwist kienu essenzjali għall-iżvilupp tal-Politika Ewropea ta' Sigurtà u Difiża (PESD). Ir-riżoluzzjoni inkoraġġiet ukoll l-isforzi tal-Kummissjoni intiżi biex jikkontribwixxu għall-ħolqien gradwali ta' suq Ewropew għat-tagħmir għad-difiża (EDEM) li jkun aktar trasparenti u miftuħ bejn l-Istati Membri. Il-Parlament kien ukoll kapaċi jiżgura li l-preokkupazzjonijiet tiegħu dwar il-"pakkett tad-difiża" (jiġifieri d-Direttivi 2009/43/KE u 2009/81/KE) jiġu riflessi fit-testi definittivi adottati tad-direttivi (fost dawn il-preokkupazzjonijiet insibu t-tisħiħ tat-trasparenza u r-restrizzjonijiet fl-użu ta' kumpensi).

[1]ĠU C 127E, 29.5.2003, p. 582.
[2]ĠU C 280E, 18.11.2006, p. 463.

Fir-riżoluzzjoni tiegħu ddatata t-22 ta' Novembru 2012 dwar l-implimentazzjoni tal-PSDK[3], il-Parlament insista fuq il-fatt li t-tisħiħ tal-kapaċitajiet Ewropej jissarraf ukoll f'konsolidament tal-bażi industrijali u teknoloġika tad-difiża Ewropea u talab lill-Istati Membri jimplimentaw totalment id-Direttiva 2009/81/KE sabiex jiżguraw interoperabilità aħjar tat-tagħmir u jiġġieldu kontra l-frammentazzjoni tas-suq.

Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-21 ta' Novembru 2013[4] tappella wkoll għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni industrijali Ewropea, u tisħaq fuq il-bżonn ta' appoġġ għall-missjonijiet tal-PSDK permezz ta' riċerka u żvilupp fl-Ewropa bis-saħħa tal-programm ta' riċerka Orizzont 2020. Barra minn hekk, tistieden lill-Istati Membri jżidu t-trasparenza u l-ftuħ tas-swieq tad-difiża tagħhom, filwaqt li tenfasizza l-ispeċifiċità tas-swieq tad-difiża.

Fiż-żewġ riżoluzzjonijiet adottati f'Mejju 2015[5] u f'April 2016[6], il-Parlament appella għal politika estera u ta' sigurtà Ewropea effikaċi u ambizzjuża, ibbażata fuq viżjoni komuni tal-interessi fundamentali Ewropej. Ħeġġet lill-Istati Membri jiddefinixxu l-objettivi politiċi msejsa fuq interessi kondiviżi fuq bażi komuni u sostniet li għandha tiġi adottata White Paper dwar id-Difiża tal-UE abbażi tal-Istrateġija Globali, Il-Parlament appoġġa l-iżvilupp ta' PESK b'saħħitha u ta' kooperazzjoni fid-difiża fost l-Istati Membri.

F'Novembru 2016, il-Parlament adotta riżoluzzjoni dwar l-Unjoni Ewropea tad-Difiża (EDU)[7], li fiha ppropona li din tal-aħħar tkun stabbilita bħala kwistjoni ta' urġenza.

Frédéric Gouardères
05/2019

[3]ĠU C 419, 16.12.2015, p. 124.
[4]ĠU C 436, 24.11.2016, p. 26.
[5]ĠU C 353, 27.9.2016, p. 74.
[6]Testi adottati, P8_TA(2016)0120.
[7]Testi adottati, P8_TA(2016)0435.